# WAĦDA MILL-EQDEM IKONI FIL-GŻEJJER MALTIN

Patri HERMANN DUNCAN O.Carm.


Il-knisja tal-Griegi fil-Belt Valletta


L-ikona tal-Madonna tad-Damaxxena

Għalkemm f'diversi knejjes u palazzi Beltin insibu diversi kwadri li jirrappreżentaw it-twelid tal-Mulej, fosthom fl-arazzi ta' Peter Paul Rubens, fil-kwadru tal-Adorazzjoni tal-Maġi ta' Stefano Erardi fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann, u l-Adorazzjoni tar-Rgħajja ta' Giuseppe d'Arena fil-Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu, ħarsti waqgħet fuq xbieha sempliċi imma suġġestiva fil-knisja Griega Kattolika tal-Madonna tad-Damaxxena fi Triq l-Arċisqof. L-istorja ta' din l-ikona antika tal-Madonna ta' Damasku hija marbuta b'mod intimu mal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, magħrufin ukoll bħala l-Kavallieri ta' Malta u Rodi.

Skont it-tradizzjoni u dak li jintqal fil-ktieb ta' Achille Ferris, insibu li f'Damasku (Soria) kien hemm xbieha mirakoluża tal-Verġni Marija mal- Bambin Ġesù, miżbugħ b'kulur skur, li kienet meqjuma f'din il-belt b'qima kbira. Din ix-xbieha baqgħet f'Damasku sakemm kien għad hemm il-fidi Nisranija. Wara li s-Seraċini ħadu din il-belt f'idejhom u daħlu t-twemmin tagħhom, ix-xbieha qaddisa ma bdietx tiġi meqjuma u madwar sena wara ma baqgħetx tidher iktar f'dan il-post. Skont il-leġġenda, xi baħrin li kienu f'dawk l-ibħra raw bil-lejl dawl straordinarju fuq l-ilma segwit minn xi oġġett fuq wiċċ l-ilma. Huma baqgħu jsegwuha sakemm waslet fuq gżira, li kien jisimha Rodi, fejn ix-xbieha sabet ruħha b'fanal quddiemha. Mal-ewwel niżlu għarkupptejhom biex jagħtuha qima.

Ġie rrappurtat immedjatament lill-mexxejja tal-Ordni tal-Kavallieri; li kienu ilhom imwaqqfin fuq din il-gżira mill-1310. Dawn meta ndunaw li din kienet l-istess xbieha li kienu jqimu f'Damaxxena ħaduha f'purċissjoni solenni lejn il-knisja konventwali ta' San Ġwann. It-tradizzjoni tgħid li wara ftit, din sabet ruħha fil-knisja msejħa Simonitrea, fejn fl-1480 ġiet mibnija knisja aktar sabiħa biex tiġi meqjuma fiha. Dan nafuh kollu min Achille Ferris.

Bejn l-1523, is-sena tat-tluq minn Rodi, u l-1530, din l-ikona vvjaġġat mal-Kavallieri lejn Candia, Messina, Civitavecchia, Ruma u Viterbo. Waslet Malta fl-1530 flimkien mat-teżori l-oħra tal-Ordni ta' San Ġwann. Il-Gran Mastru Villiers de l'Isle Adam poġġiha fil-Knisja ta' Santa Katerina fil-Borgo del Castello, fejn illum insibu l-belt tal-Birgu. Baqgħet f'din il-knisja sal-1587, meta f'transulazzjoni l-iktar solenni, qasmet il-Port il-Kbir fuq wieħed mill-isbaħ xwieni tal-Ordni, lejn il-Belt il-ġdida – Valletta, fejn tqiegħdet għall-qima tal-poplu fil-knisja tar-rit Grieg li kienet għadha kif inbniet u li ġiet iddedikata lilha. Il-Gran Mastru Jean de la Valette kien devot kbir u ferventi tal-Madonna taħt dan it-titlu. Meta fis-7 ta' Settembru 1565, il-qawwiet telliefa Torok ħarbu lejn l-iġfna tagħhom biex jitilqu minn Malta, il-Gran Mastru eroj segwit mill-kavallieri u l-Maltin rebbieħa, imxew f'purċissjoni spontanja lejn il-knisja fejn kien hemm din l-ikona fil-Birgu biex quddiemha kantaw innu ta' radd il-ħajr lil Alla. Dakinhar il-Gran Mastru La Valette ħalla l-kappell u x-xabla tiegħu quddiemha fuq it-taraġ tal-artal b'sinjal ta' gratitudni u ringrazzjament.

Din il-ġrajja tnaqqxet fi plakka tal-irħam mill-Gran Mastru Emanuel de Rohan, wara li l-knisja ġiet irrestawrata fi żmien it-tmexxija tiegħu fl-1779.

Għadd ta' Gran Mastri oħra wkoll urew pubblikament id-devozzjoni tagħhom lejn il-Madonna taħt dan it-titlu. Dawn jinkludu lill-Gran Mastru Pietro del Monte li offra l-art biex fuqha nbniet il-knisja l-ġdida lill-Madonna ta' Damasku; il-Gran Mastru Nicholas Cottoner, li kabbar l-istess knisja biex tkun waħda iktar rikka u xierqa għad-devozzjoni dejjem tikber lejn din l-ikona u l-Gran Mastru Gregorio Caraffa, li forna lill-knisja b'dak kollu li kien neċessarju għaċ-ċelebrazzjonijiet u r-ritwali liturġiċi. Tajjeb li ngħidu li din il-knisja waqgħet fiż-żmien il-gwerra u reġgħet ġiet mibnija dik li hemm preżentement.

Wieħed irid jgħid li din ix-xbieha ġiet inkuruntata fil-25 ta' Ottubru 1931 mill-Arċisqof Dom Mauro Caruana OSB, fuq il-Fosos tal-Furjana fl-okkażjoni tal-15-il ċentinarju mill-Konċilju ta' Efesu. Bejn l-1963 u l-1966 l-ikona reġgħet ivvjaġġat lejn Ruma, din id-darba biex isirilha restawr professjonali u metikoluż mill-Istituto Centrale del Restauro Artistico f'din l-istess belt. Ir-restawr u l-ispejjeż kollha nvoluti tħallsu mill-Gvern Taljan. Ix-xogħol delikat imwettaq mir-restawraturi kien jinvolvi t-tneħħija ta' saffi ta' nugrufun u oħrajn ta' żebgħa żejda li żdiedet fuq dik oriġinali u li akkumulat tul sekli sħaħ. Meta tneħħew, instabet l-isbuħija tal-ikona oriġinali li kellha dehra differenti ħafna minn dik li kienu jafu biha sa dakinhar.

Ftit snin wara li ġiet lura, l-ikona ngħatat post prominenti ħafna f'wirja prestiġjuża organizzata f'Malta mill-Kunsill tal-Ewropa bejn April u Lulju 1970. L-ikona hija ta' għamla partikolari magħrufa bħala Eleousa, (bil-Grieg) li tfisser 'mimlija ħniena', u tixbah ħafna minn diversi aspetti l-ikona magħrufa bħala l-Madonna ta' Vladimir (Seklu XII – impittra mill-Iskola ta' Kostantinopli), u li llum hija esebita b'mod permanenti fil-Gallerija tal-Arti Tretyakov f'Moska. Ikona tingħata t-titlu ta' Eleousa minħabba l-intimità li jkun hemm fix-xbieha bejn Omma Alla – Theotokos u l-Bambin binha. L-ikona tal-Madonna tad-Damaxxena għandha daqs ta' 147.5cm x 102.5cm filwaqt li dik tal-Madonna ta' Vladimir f'Moska hija biss ta' 78cm x 54.5 cm. Fl-1968, il-Papas tal-Knisja Griega tal-Belt, Vito Borgia bagħat xbieha tal-ikona tal-Madonna ta' Damasku lill-Prof. David Talbot Rice, studjuż famuż Ingliż tal-istorja tal-arti partikolarment dik Biżantina, mill-Università ta' Edinburgh fl-Iskozja. Il-Papas Borgia xtaq il-parir espert u riċerkat tal-Prof. Talbot Rice dwar din l-ikona antika.

F'Mejju 1968, il-Prof. Talbot Rice bagħat din ir-risposta lill-Papas:

"Għażiż Papas Borgia,

Grazzi ħafna tal-ittra tiegħek u tar-ritratt tax-xbieha tal-ikona tal-Madonna ta' Damasku. Kuntent ħafna li bgħatthieli għax minkejja r-riċerki estensivi tiegħi kien għadni ma kontx naf b'din l-ikona. Kien żgur pass għaqli li ddeċidejtu li tnaddfu u tirrestawrawha, għax issa mhux biss hija ikona ta' sbuħija kbira imma wkoll ta' importanza storika, minbarra l-aspett spiritwali tagħha wkoll. Anke mir-ritratt innifsu (mingħajr ma għadni rajt l-ikona oriġinali) jidher li din l-ikona tpittret qabel dik tal-Madonna ta' Vladimir, għalkemm l-għamla ikonografika tagħha, jiġifieri dik tal-Verġni mimlija Ħniena, hija l-istess.

Dejjem tiegħek,

David Talbot Rice."

Il-Madonna f'din l-ikona hi liebsa l-mantell ta' Imperatriċi Biżantina. It-tliet stilel, waħda fuq kull spalla u l-oħra fuq ras il-Madonna, ifissru l-verġinità ta' Marija, qabel, waqt u wara t-twelid ta' binha Ġesù, kif ukoll il-konsagrazzjoni tagħha bħala l-koperatura waħdanija fil-misteru tal-inkarnazzjoni. Il-libsa tal-Bambin hija marbuta b'faxxa ħamra, kulur li fl-ikoni jintuża biex jissimbolizza d-divinità.

Il-wiċċ jiddomina lill-ikona kollha. L-għajnejn, kbar fl-għamla tagħhom għandhom ħarsa fissa, qishom qegħdin iħarsu lil hinn, lejn il-persuna li tmur titlob quddiemha. L-imnieħer irqiq u kemxejn ittundjat u rasha għolja, fl-ikonografija juru l-importanza tal-ħajja kontemplattiva tat-talb. Id-dinamiżmu tal-ħarsa tal-Madonna hija emfasizzata wkoll mill-għamla riġida tal-bqija tal-ġisem. L-ansjetà kollha li jkollu l-bniedem ġo fih tiċċajpar u tiddgħajjef quddiem il-paċi interjuri li jesprimi dan il-kwadru.

L-ikona magħrufa bħala Panaghia Damaskiní turi t-tendenza tal-arti Biżantina fi żmien tal-Comnenes, fejn l-emfasi tal-pittura kienet fuq l-aspett personali u ntimu tar-relazzjoni bejn il-Madonna u binha Ġesù.

L-ikona b'mod ġenerali hija xhieda tal-glorja smewwija, irrappreżentata mill-figuri qaddisa fuq sfond deheb ieni. Dawn l-ikoni huma għal min jitlob quddiemhom, mezz ta' sostenn u ta' kif iħossuhom eqreb tal-kobor divin. L-ikona mhiex biss pittura ta' sbuħija estetika, imma wkoll mixja lejn il-ħniena u l-grazzja divina.